FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG>JUR (EU LAW)

29 TA' SETTEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Keith Arnaud)

vs

Gordon Dimech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Gordon Dimech ta' karta ta' identita' numru 300577(m) akkuzat talli:

1. f'Lulju 2009 xjentement f'Malta laqa jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom huwa aktar minn €232.94 izda ma jeccediex €2329.37 mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mo li jkun indaht biex tbiegh jew tmexxi;
2. ukoll f'Lulju 2009 gewwa diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin gieghel, halla jew ippermetta lil persuna ohra issuq vettura bil-mutur fit-triq meta l-persuna ma kellhiex licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kienitx koperta bil-licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni b'riskji ghal terzi persuni;
3. naqas li fi zmien seba tijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Awtorita' dwar it_trasport ta' Malta dwar il-bejgh jew xiri tal-vettura numru CAB403;
4. ksirt il-provvedimenti ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi ikkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal sena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Jacqueline Padovani fis-16 ta' Frar 2007, liema perjodu gie estiz ghal tlett snin ohra skond sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Edwina Grima fis-17 ta' Ottubru 2007 u aktar kiser il-provedimenti ta' l_Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Edwina Grima fis-17 ta' Ottubru 2007;

5. irrenda ruhhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati Ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Il-kaz jirrivolvi dwar vettura, indikata, mill-Ufficjal Prosekutur, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni DAS 569. Din kienet giet misruqa u mibjugha lill-imputat bi tpartit ma' karozza ohra u flus u minnu impoggija f'garaxx ghand mekkanik. L-ufficjal prosekutur ikkonferma li kien effettivament sab l-imsemmija vettura gewwa il-garaxx li kien indikalu l-imputat u meta investigha ikkonstata li l-magna taghha kienet qed tigi zarmata. L-ufficjal prosekutur kompla stqarr li meta l-vettura ttiehdet mill-garaxx sal-Kwartieri Generali tal-Pulizija kienet mizbugha hadra b'zebgha tal-pinzell. Fid-dawl tal-akkuzi, kompla stqarr, li mill-investigazzjonijiet li kien ghamel kien irrisultalu li l-vettura kienet inghatat lill-imputat minghajr ic-cavetta taghha u meta staqsha ghal spiegazzjoni l-imputat kien qallu li l-vettura kien xtraha biex johdilha l-magna.

Intant, mill-atti processwali jirrisulta li din il-vettura bin-numru DAS 569 tal-marka Hyundai Saloon Coupe' kienet insterqet minghand certu Grezzju Mula f'Lulju 2009. Jirrisulta wkoll l-'log book' taghha gia esebit mill-imsemmi Mula.

Illi m'ghandux ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li din il-vettura tikkostitwixxi l-meritu ewlieni u uniku ta' dawn il-proceduri u fil-konfront tal-akkuza tar-ricettazzjoni, jirrisulta, imkien kontradett anzi ikkorroborat, li hija giet f'idejn l-imputat meta hu partata ma' vettura, Hyundai Pony, b'zieda ta' somma zghira ta' flus. Ukoll ghandu jirrisulta, li effettivament l-iskop ta' tpartit da parti tal-imputat kien li johdilha l-magna, aktar precisament is- 'cyilinder head' u jarmah fuq vettura ohra minn tieghu. Ghandu wkoll jirrisulta li l-vettura li uza ghat-tpartit, ossija l-Hyundai Pony, kien iskreppja u l-iskop ta' minn kien akkwistha kien li juzha ghal hekk imsejjah 'demolition'.

Dawn huma fatti li jemergu mix-xhieda li tinsab traskritta in atti.

In sostenn tal-akkuza ta' ricettazzjoni fir-rigward il-vettura in meritu, cjoe il-DAS569, il-prosekuzzjoni tafferma l-ezistenza tar-reat: (i) minhabba fil-kundizzjoni taghha u (ii) il-fatt li kienet sprovista minn cavetta u 'log book', fatturi, tghid il-prosekuzzjoni, li kellhom jissospettixxu l-imputat dwar il-provenjenza illecita taghha.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli ufficjal prosekutur, iccita bran minn sentenza deciza mill-Appell Kriminali fit-28 ta' April 2000 fejn dik il-Qorti kienet testwalment qalet li "Bhal ma dejjem gie ritenut, l-element tax-'xjenter' jezizti anka f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provenjenza illegali gie akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment, jaghtu suspett dwar il-provenjenza illegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi

bhal, per ezempju, prezz irrizorju, n-natura jew deskrizzjoni tal-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbieh jew jigi akkwistat, l-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggetti simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita' kriminuza."

Illi l-Qorti ma tikkondividix fil-hsieb tal-prosekuzzjoni li fil-kaz in meritu tikkonfigura r-ricettazzjoni. Jibda biex jinghad li l-imputat ghandu l-mestier ta' tellar u gieli nnegozja vetturi. Tabilhaqq, huwa ha pusess tal-vettura in meritu, fil-kundizzjoni kif kienet u mizbugha kif kienet bl-iskop uniku li johdilha s-'cyilinder head', fattur dan li ghandu mill-verosimiljanza.

Ghaldaqstant, taqta u tiddecidi li ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

A.M.Trigona

Magistrat